## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2007 — Pioneer Hi-Bred International vs L-UASI (OPTIMUM)

**(Kawża T-424/07)**

(2008/C 8/51)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Pioneer Hi-Bred International Inc. (Johnston, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: G. Würtenberger, R. Kunze, u T. Wittmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tal-11 ta' Settembru 2007 fil-kawża R 288/2007-2 dwar l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 4 893 053 "OPTIMUM";

— tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "OPTIMUM" għall-prodotti fil-klassi 1 — Applikazzjoni Nru 4 893 053

*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Rifjut ta' l-applikazzjoni

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċaħda ta' l-appell

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikoli 7(1)(b) u (c), 7(2), 73 u 74 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li ma ġiex ikkunsidrat il-fatt li l-prodotti in kwistjoni jindirizzaw pubbliku speċjalizzat u peress li d-deċiżjoni ma kinitx sostnuta bi prova ta' l-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.